MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-22 ta' Settembru, 2008

Avviz Numru. 98/2003

**Michael Farrugia**

**vs**

**John Mary u Monica konjugi Farrugia, Francis u Rita konjugi Farrugia, Philip u Doris konjugi Farrugia, Carmelo u Theresa konjugi Grech u Paul u Gemma konjugi Bonnici**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avviz pprezentat mill-attur nhar it-tlettax (13) ta’ Frar 2003 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tordna lill-konvenuti jikkonsenjawlu kopja tac-cwievet kollha sabiex huwa jkollu bhalhom, access liberu ghal-lokalitajiet kollha ta’ l-istess fond, razzett tenement numru 51656, bin-numri 11, 18 u 21 fi Sqaq il-Merhla f’Bulebel il-Kbir, limiti taz-Zejtun, lilhom flimkien mieghu mikri mill-Gvern b’titolu ta’ qbiela bil-kera ta’ lira Maltija (LM1) fis-sena, kif ukoll sabiex ikunu kkundannati jew min minnhom ihalssuh is-somma *da liquidarsi* bhala danni, u li ma teccedix is-somma ta’ elf,

mija, tlieta u ghoxrin lira Maltin (LM1,123) sofferti mill-attur fil-proprjeta li huwa qieghed jiddetjeni maghhom, u li kienet fil-pusess tieghu b'titolu ta' qbiela minghand il-Gvern.

Ghal finijiet ta' kompetenza, gie dikjarat li l-valur lokatizzju ta' din il-qbiela, huwa ta' lira (LM1) fis-sena.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-tmintax (18) ta' Dicembru 2002, kif ukoll dik ufficjali tal-wiehed u tletin (31) t'Ottubru 2002 kontra l-konvenuti li huma ngunti 'n subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew is-segwenti:-

1. Preliminarjament, din il-Qorti mhiex kompetenti li tisma l-kawza fuq ebda miz-zewg talbiet li qed jaghmel l-attur, ghaliex fuq l-ewwel talba hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili u fuq it-tieni talba huwa it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar;

2. Fil-mertu l-eccipjenti m'ghandhomx cwievet tal-ambjenti 'n kwistjoni u kwindi m'ghandhom xejn x'jaghtu lill-attur;

3. Rigward id-danni, l-esponenti ma kkawzaw ebda dannu lill-attur;

4. F'kull kaz il-pusess tal-ambjenti hu f'idejn omm il-kontendenti;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' April 2003 fejn, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni t'inkompentenza sollevata mill-konvenuti, innominat lil-Perit Arkitett Valerio Schembri bhala perit tekniku sabiex fi zmien qasir u minghajr ma jisma xhieda, jindika d-dettalji

u fatturi ohra li jirriskontra fuq il-post u dan a spejjez provizorji ghall-konvenuti.

Ir-rapport tal-Perit Arkitett Valerio Schembri gie debitament ipprezentat fis-seduta tal-ewwel (1) ta' Dicembru, 2004. Sussegwentement fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Gunju, 2005, il-kontendenti ddikjaraw li kienu qeghdin jaccettaw ir-relazzjoni peritali bhala mahlufa dak-in-nhar stess.

Illi minn ezami tal-istess, jirrizulta lil-Perit Tekniku kien qeda l-karigu moghti lilu u cioe zamm access fi zmien qasir u minghajr ma sema' xhieda ndika d-dettalji u fatturi ohra li rriskontra fuq il-post.

Permezz ta' din il-kawza, l-attur qieghed iressaq zewg talbiet. L-ewwel wahda hija sabiex huwa jinghata kopja tac-cwievet kollha tar-razzett li jinsab fi Sqaq il-Merhla, f'Bulebell il-Kbir, limiti taz-Zejtun, mentri t-tieni wahda hija sabiex huwa jinghata danni ghal hsarat li saru f'din il-proprjeta, liema ammont ta' danni ma jeccedux is-somma ta' Lm1,123, illum €2,615.89.

Il-konvenuti da parti taghhom jressqu d-difiza taghhom u jghidu li din il-Qorti ma ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi din il-kawza, u li ma ghandhomx cwievet, u ma ikkommettewx danni. Jghidu ukoll illi l-pussess tal-ambjenti *de quo* huma f'idejn omm il-kontendenti.

Bhala provi tressqu s-segwenti:

Illi nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Novemru 2003, xehed **Frankie Scerri,** 'n rapprezentanza tal-MEPA u dan fil-kapacita tieghu ta' Enforcement Officer mal MEPA. Jghid, li fir-records mizmuma mill-MEPA, jirrizulta li l-ismijiet tal-possessuri tal-fond in kwistjoni huma l-kontendenti f'din il-kawza. Jispjega li kien gab din l-informazzjoni minn ittra datata tmienja w ghoxrin (28) ta' Novembru 2002, li kien baghat Dottor Joe Farrugia [recte: Azzopardi] li kien kiteb ghan-nom tal-possessuri meta kienu qed jilmentaw minn xi kostruzzjoni llegali, kif ukoll minn xi dokumentazzjoni li kien pprezenta l-istess Dottor Joe Azzopardi.

Ix-xhud jikkonferma li wara li kienu rcevew l-ilment kien mar *enforcement officer* tal-MEPA sabiex jara x'kien hemm fuq is-sit u rrizulta meta sar paragun ma dak li rrizulta mir-ritratti mehuda mill-ajru kemm fis-sena 1967, kif ukoll fis-sena 1994 li kien hemm estenzjonijiet li ma kienux koperti bil-permessi relattivi tal-MEPA. Huwa fil-fatt esebixxa zewg ritratti tal-ajru li gew markati bhala Dok. X 1 u X 2 u fuq id-Dok. X 2 huwa ndika bl-isfar l-estensjoni li ma kienitx koperta bil-permess. Spjega wkoll li fost id-dokumenti li gew mibghuta lil MEPA minn Dottor Joseph Azzopardi kien hemm ukoll pjanta li kienet tindika l-estensjoni li saret bla permess. Din giet immarkata bhala Dok. X 3. Sussegwentement inhareg *enforcement notice* kontra l-possessuri kollha kif ukoll kontra s-sid u cioe l-Kummissarju ta' l-Artijiet. Qal li minkejja dan kollu sakemm xehed ma kienet ittiehdet l-ebda azzjoni ghad-demolizzjoni a bazi tal-*enforcement*. Qal li wara dan kollu l-MEPA kienet irceviet ittra minghand l-avukat tal- attur - Dottor Thomas Abela – fejn talab estensjoni sabiex ikun jista jirregola ruhu.

Ikkonferma li minn spezzjoni li ghamel fil-wiehed w ghoxrin (21) t'Ottubru 2003, irrizultalu li whud mill-estensjonijiet li saru bla permess kienu lahqu twaqqghu, izda kien ghad fadal bicca zghira li ma twaqqghetx ghaliex kienet tmiss ma hajt adjacent u dwaru kien hemm applikazzjoni pendenti. Jghid li kienu wkoll waqqghu garaxx li kien inbena qabel is-sena 1967 w ghalhekk ma kienx hemm bzonn li jkun kopert bil-permess. Dan il-garaxx li twaqqa' huwa kulurit bil-kulur ikhal fuq il-pjanta Dok. X 3.

Illi nhar il-hamsa (5) ta' Frar 2004, huwa esebixxa l-ittri li kienet irceviet l-Awtorita minnu rapprezentata dwar dan il-kaz kif ukoll kopji tar-risposti. Dawn gew immarkati bhala Dok. FS.

Nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004 huwa esebixxa ritratt mehud mill-ajru tas-sit in kwistjoni fis-sena 1967 u dan gie mmarkat bhala Dok. FS 5. Oltre dan esebixxa

wkoll ritratt iehor tal-fond mehud fis-sena 1994 li gie mmarkat bhala Dok. FS 6.

**Joseph Zammit** *Senior Enforcement Officer* mal-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) xehed nhar il-hamsa (5) ta' Frar 2004 w ikkonferma li *on site* qatt ma kien mar, ghalkemm kien prezenti ghal xi laqgha fejn kienu prezenti hafna mill-ahwa Farrugia li kienu qed jallegaw li diversi strutturi fil-pussess taghhom kienu mibnija bla permess. Qal li dawn l-istrutturi huma dawk indikati bil-kulur isfar fil-pjanta esebita u mmarkata bhala Dok. X 2. Jghid ukoll li min kien indikhom bil-kulur isfar fuq din il-pjanta, ma jafx. Qal li waslu ghal konkluzjoni li l-bini kien illegali u cioe li nbena bla ma kien kopert bil-permessi relattivi wara li ghamlu paragun bejn dak li kien hemm ezistenti mar-ritratti mehuda mill-ajru fis-snin ta' qabel. Qal li d-data meta nzammet il-laqgha ma l-ahwa Farrugia ma jiftakarhiex, ghalkemm hemm miktub l-erbgha (4) ta' Frar 2003. Dan pero ma setax jikkonferma.

**L-Ispettur tal-Pulizija Joseph Agius** xehed fil-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004 fejn qal illi huwa responsabbli ghad-Distrett taz-Zejtun. Ikkonferma li fl-ghaxra (10) t'April 2003 kien ircieva ittra minghand Dottor Joe Azzopardi fejn dan talab l-assistenza tal-pulizija sabiex ikunu fuq il-post meta kien ser jitwaqqa xi bini li kien illegali. Qal li flimkien ma din l-ittra kien ircieva ukoll ittra ufficcjali mahruga mill-Kummissarju tal-Artijiet datata sebgha (7) t'April 2003, kif ukoll dikjarazzjoni ta' rikonoxximent mahruga mill-Ministeru tal-Intern fergha tal-Lands, kif ukoll Avviz tat-Twettiq tal-MEPA datata sebgha (7) ta' Marzu 2003. Dawn id-dokumenti gew esebiti u mmarkati bhala Dok. JA 1, JA 2 JA 3 u JA 4 rispettivament. Huwa kien iddettalja lil PC 358 Bondin u PC 948 sabiex jassistu ghal dan it-twaqqiegh. Wara dawn l-istess ufficcjali, ghamlu rapport dwar dak li kien gara, liema zewg rapporti gew immarkati bhala Dok. JA 5 u JA 6 rispettivament.

**PC358 Malcolm Bondin** xehed fl-istess jum tal-wiehed w ghoxrin (21) t'April 2004 w ikkonferma li nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2003 huwa kien dettaljat sabiex

jissorvelja xoghlijiet li kienu qed isiru f’22, Herd Lane, Bulebel, gewwa z-Zejtun u dwar dan ghamel rapport, liema rapport gharaf esebit fl-atti u markat bhala Dok. JA 5. Qal li fuq il-post kien hemm uhud mill-konvenuti li gharaf prezenti fl-Awla, kif ukoll ommhom. Qal li effettivament kienu membri tal-familja stess li hattew xi bini. Ix-xoghol kien jikkonsisti fi tnehhija ta’ hitan ta’ kmamar ezistenti. Qal li fil-kmamar li kienu qed jitwaqqghu, annimali ma rax.

**PC 948 Joseph Muscat** xehed w ikkonferma li huwa mar flimkien ma PC 358 Bondin sabiex jara li x-xoghol ta twaqqiegh li kellu jsir gewwa z-Zejtun, isir minghajr inkwiet. Huwa gharaf ir-rapport tieghu esebit fl-atti u mmarkat bhala Dok. JA 6. Ikkonferma li apparti huma t-tnejn, bhala ufficcjali, kien hemm uhud mill-konvenuti li kienu qed jaghmlu xi xoghol ta’ twaqqiegh huma stess. Qal li huma ma kienux hemm sabiex jissorveljaw ix-xoghol, izda sabiex tinzamm il-buon ordni. Mistoqsi jekk jafx lill-attur, x-xhud irrisponda fin-negattiv.

Il-konvenut **John Mary Farrugia** xehed u stqarr li huwa flimkien ma hutu jikru r-razzett numru 22, f’Herds Lane, Bulebel. Dan ir-razzett kien originarjament jintuza minn ommu u missieru u fil-fatt kienu jghixu fih. Missieru di fatti miet hemm u ommu ghadha tghix fih sal-gurnata meta xehed il-Qorti. Qal li bil-permess tal-genituri tieghu, huwa kien jaghmel xoghol ta’ mastrudaxxa f’dan ir-razzett. Ikkonferma li l-attur kien irabbi diversi annimali fir-razzett u fil-fatt kien anke applika sabiex jottjeni permess ufficcjali tad-dipartiment ghal tali trobbija. Qal li meta effettivament kienu marru l-Ispetturi sabiex jezaminaw il-fondi, huwa kien prezenti.

Il-konvenut kompla jghid li l-inkwiet beda meta l-attur ipprova jgib dan il-permess. Meta gie muri l-pjanta a fol. 29 tal-process, qal li l-kmamar murija bil-kulur roza gew mibnija fuq medda ta’ snin illegalment. Qal illi huwa kien jokkupa tlieta jew erbgha minnhom, filwaqt li l-ohrajn sovrastanti, kienu okkupati mill-attur u mill-genituri taghhom.

Qal li kienu huma stess li attiraw l-attenzjoni tal-MEPA dwar il-bini llegali li kien hemm u l-MEPA effettivament kienet harget ordni ta’ twaqqiegh a bazi tal-informazzjoni moghtija lilhom minnhom.

Ikkonferma li x-xoghol ta’ twaqqiegh sar minnu u minn ħuħ Frans u fil-fatt gharaf ir-ritratti esebiti mill-attur permezz ta’ nota nhar il-wiehed w ghoxrin (21) t’April 2004 bhala dawk ir-ritratti li jindikaw l-akkwati ‘n kwistjoni wara li kien hemm it-twaqqiegh. Ghalkemm fir-ritratt hemm il-hamiem, il-konvenut qal li l-attur qatt ma rabba hamiem, izda tigieg biss kien irabbi. Qal li l-kmamar li twaqqghu, kienu dawk okkupati mill-attur. Qal li qabel ma bdew bix-xoghol, huma kienu kitbu ittra lill-attur, u dan kien irrispondihom permezz t’ittra legali, w ghalhekk jghid li l-attur kien jaf li kien ser jitwaqqghu dawk il-kmamar ghaliex kien avzat.

**Gemma Bonnici** xehdet fl-ghoxrin (20) t’Ottubru, 2004 u qalet li tigi oħt l-attur Michael Farrugia w ikkonfermat li r-razzett jinsab f’idejn ommhom. Qalet li pussess ma kellhomx, stante li dan kien ghadu fil-pussess taghha (ta’ ommha) ghalkemm ommha kienet dawret il-lokazzjoni ghal fuq l-aħwa. Stqarret li ommha tghix hemmhekk, ghalkemm ma toqghodx fil-post. Tehodha hemm hi filghodu u jmorru ghalija filghaxija u dan l-arrangament ilu hekk sa minn Novembru 2000, minn meta missierhom kien mar l-isptar. Qalet li huma kienu nehhew xi bini llegali. Mistoqsija jekk tarafx ir-razzett kif muri fil-pjanta a fol. 26, hija wiegbet fl-affermattiv. Ikkonfermat li kienet marret il-MEPA sabiex tinhareg ordni ghat-twaqqiegh tal-kmamar illegali li kien hemm. Fil-fatt tghid li meta il-MEPA harget l-*enforcement,* hija flimkien ma ħutha segwewha bis-shih. Qalet li kienu ħutha s-subien li ghamlu x-xogholijiet ta’ twaqqiegh tal-istrutturi llegali. Qalet li l-kmamar li twaqqghu, kien jaghmel uzu minnhom l-attur billi kien irabbi fniek u tigieg fihom. Qalet li meta gew biex iwaqqghu l-kmamar, hija poggiet il-fniek gol-kaxxi w infurmat lill-pulizija bihom u evitat milli tmur ghand l-attur bihom sabiex ma tipprovokax incidenti. Meta giet murija r-ritratti esebiti bhala Dok. MF 1 sa MF4, hija tghid li hamiem fuq il-post dakinhar ma kienx hemm. Fil-fatt dawn kienu tnehhew mill-attur w ibnu lejliet li sehh ix-

xoghol. Hija qalet ukoll illi mill-kmamar li twaqqghu kienet tohrog riha hazina hafna u dan peress li kienu jittrabbew it-tigieg u l-fniek. Pero meta sar ix-xoghol ta' twaqqiegh, tigieg ma kienx hemm, izda kien hemm biss fniek, u li dawn tnehhew. Izzid tghid ukoll illi dawn il-kmamar kienu jintuzaw minnhom ukoll w ghalhekk l-attur ma kellhux pussess esklussiv taghhom.

**Francis Farrugia** jghid li huwa l-*Principal Veterinary Support Officer* w ikkonferma li l-attur kien registrat mad-Dipartiment tal-Agrikoltura bhala produttur tat-tjur tas-simna u kien licenzjat. Huwa pprezenta l-licenzja relattiva li giet immarkata bhala Dok. FF 1 u kienet tkoprih sas-sena 2002. Qal li l-licenzja kienet harget a bazi ta' registrazzjoni li kien ghamel l-attur stess wara sejha mill-Gvern biex il-produtturi tat-tjur jirregistraw. L-attur kien applika fis-sena 1997. Qal li wara l-applikazzjoni ufficcjali tad-dipartiment kienu ghamlu access fuq il-post raw fejn kien qed irabbi il-fniek u t-tjur w ghamlu rapport. Dan il-post kien 22, Herd Lane, Bulebel. Waqt l-ispezzjoni anke ittiehed il-kejl tal-kmamar u skond il-kejl ta' fejn kien qed irabbi, nghata licenzja biex irabbi daqstant tjur. Kellu wkoll jipprovdi permess mill-MEPA, izda l-attur kien qalilhom li l-kmamar kienu ilhom mibnija ghal aktar minn tletin sena w ghalhekk kien gabilhom certfikat minn Perit Joe Zerafa Boffa li effettivament il-kmamar kienu ilhom mibnija.

Ix-xhud spjega li qabel is-sena 1997, kien hemm sistema ta' registrazzjoni volontarja tal-bdiewa li kienu jrabbu t-tjur, izda ma kienitx tohrogilhom licenzja. Qal li l-attur kien ghamel din ir-registrazzjoni sa mis-sena 1988. Huwa esebixxa kopja tar-rapport li gie mmarkat bhala Dok. FF 2.

In kontr'ezami x-xhud jghid li ma kienx jaf dwar il-problemi li kellu l-attur dwar il-pussess tal-post fejn kien qed irabbi t-tjur u r-rapporti bdew jaslu lid-Dipartiment wara li inharget il-licenzja relattiva.

Fit-tnejn (2) ta' Gunju, 2005 **Francis Farrugia rega xehed** u qal li mill-*file* relattiv jirrizulta mhux biss il-licenzja li huwa esebixxa fis-seduta precedenti, izda wkoll ittra

legali ta’ l-Avukat Dottor Joe Azzopardi ghan-nom ta’ Cetta Farrugia fejn talbet li tigi sospiza jew imwaqqfa l-licenzja tal-attur. In oltre jirrizulta ukoll li kien sar protest mill-istess persuna u sussegwentement id-Dipartiment kien irtira l-licenzja li kien hareg favur l-attur. Ikkonferma li konsultazzjoni mal-MEPA d-Dipartiment minnu rapprezentat, m’ghamilx qabel ma hargu l-licenzja.

**PC 1429 Eric Mangion** xehed illi nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t’April, 2003 huwa kien stazzjonat iz-Zejtun. Mistoqsi jekk jafx lill-konjugi Farrugia, u cioe l-attur u martu, x-xhud wiegeb fl-affermattiv. Qal li huwa mar fuq il-post in kwistjoni dakinhar mal-perit imqabbad mill-Qorti u jghid li l-bini kien diga imwaqqa’.

**PC 1094 Arthur Fenech** jghid li l-konvenuti jafhom u li mar diversi drabi ghandhom fil-postijiet li ghandhom f’Bulebel. Qal li jaf li l-attur kellu xi kwistjonijiet ma ħutu dwar il-proprjeta f’Bulebel u gieli kien imur jaghmel xi rapport l-ghassa. Ftakar li darba minnhom irrapporta li ma hallewhx jidhol u darb’ohra li missewlu l-fniek. Ftakar ukoll li darba minnhom kien akkumpanja lil xi surgent tal-pulizija biex ighid lill-atturi li kienu gejjin xi haddiema tal-MEPA biex iwaqqghu r-razzett. Minn kien is-surgent pero, ma ftakarx.

Illi nhar it-tnejn (2) ta’ Gunju 2005 l-attur pprezenta tlett affidavits, dak tieghu, dak ta’ martu Mary Farrugia u iehor ta’ ibnu Silvan Farrugia (fol. 111 et seq).

**Michael Farrugia** l-attur fl-affidavit tieghu jikkonferma li r-razzett mertu tal-kawza kien mikri lil missieru Carmelo. Jghid li pero huwa kien twieled fih u ghalkemm kien izzewweg kien jidhol fih kull meta ried stante li kellu c-cwievet u access liberu. Jghid li f’dan ir-razzett kien irabbi t-tjur u kellu l-VAT numru 1264-0309 kien anke jahdem ir-raba ta’ mar-razzett. Ighid li hadd qatt ma fixklu u kien jaghmel hekk bil-kunsens tal-genituri tieghu, Carmelo u Cetta Farrugia.

Fis-sena 1997 huwa kien applika mad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura bil-permess tal-genituri tieghu sabiex irabbi t-

tjur. Ghamel ukoll pjanta bil-perit sabiex igib il-permess ta-bini mal-MEPA dak iz-zmien l-Awtorita ta’ l-Ippjanar. Jghid li meta ghamel hekk, kien hemm prezenti ħuħ John Mary Farrugia.

Fis-sittax (16) ta’ Frar 2001 missieru miet u l-kirja tar-razzett waqghet fuq ommhom u xorta kien jidhol fir-razzett minghajr tfixkil ta xejn. Izda maz-zmien sar jaf li l-kirja giet tghajjat lilu u lil hutu kollha flimkien u mhux lill-ommu.

Fl-erbgha (4) ta’ Dicembru 2001, kienu marru zewg ufficcjali tad-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura sabiex jinhariglu l-permess biex irabbi t-tjur. Huma staqsew lill ommu jekk kienitx kuntenta, w hija stqarret li ma kellhiex oggezzjoni w ghalhekk il-permess inhareg fil-hamsa (5) ta’ Dicembru 2001 mill-Ministeru ta’ l-Agrikoltura u Sajd. Kien f’dak iz-zmien li ħutu bdew jaqilghu l-inkwiet fuq ir-razzett, ghax rieduh irabbi bla permess. Jghid li huwa ma riedx jopera hekk ghalkemm ħuħ John Mary kien jopera f’dan ir-razzett bhala mastrudaxxa minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Jghid li minn dak iz-zmien ‘l quddiem huwa sofra hafna tfixkil minghand ħutu b’kull mod fosthom billi bidlulu s-serraturi tal-bibien tar-razzett u sahansitra anke ghamlu xatba bl-iskuza li jridu s-sigurta fir-razzett b’tali mod li huwa ma jkunx jista aktar jidhol fir-razzett bil-karozza tieghu izda kellu jipparkja fit-triq. Jghid li dan kollu sar meta il-kirja kienet ghadha fuq ommu.

Jikkonferma li nonostante t-tfixkil li sab huwa xorta baqa’ jidhol peress li kellu l-annimali x’jitma w inghata parir sabiex ma jcedix il-pussess li kellu.

Fit-tlettax (13) ta’ Awwissu 2002 huwa sar kerrej tar-razzett flimkien ma ħutu, izda dan nonostante ħutu ma tawhx kopja tac-cwievet w ghalkemm talabilhom diversi drabi, anke permezz ta’ ittri mil-avukat tieghu, huwa baqa’ m’inghata l-ebda kopja. Jghid li anke ircieva ittri minghand ommu li tghix ma oħtu Gemma Bonnici, sabiex ma jrabbix aktar fniek fir-razzett u sabiex jizgombra mir-razzett ghalkemm kien kerrej.

In segwitu spiccaw il-Qorti quddiem il-Qrati tal-Magistrati fuq diversi kawzi dwar *raggion fattasi*.

Fil-hamsa w ghoxrin (25) t'April, kienu marru zewg pulizija ghandu u qalulu biex inehhi l-annimali ghaliex l-ghada kienu sejrin xi ufficcjali tal-MEPA biex iwaqqghu xi bini. Meta mar ma martu r-razzett sab li kienu ghamlulu stragi. Sab il-kmamar fejn kien irabbi t-tjur, mharbta w imkissra u l-annimali jigru barra w uhud minnhom maqtula. Kien ghamel rapport fl-ghassa tal-Pulizija dwar dak li kien gara. Hemmhekk qalulu li l-ghada kienu ser jergghu jmorru xi ufficcjali sabiex ikomplu jwaqqghu.

Sar jaf li kienu ħutu li marru jirraportaw lil MEPA dwar il-bini li kien hemm bla permess u li kienu huma fizikament li waqqghu l-kmamar u kisru kull m'hemm u dan fil-presenza tal-ufficcjali tal-pulizija. Jghid ukoll li anke l-garaxx li kien ilu mibni ghal aktar minn tletin sena kienu waqqghuh, ghalkemm kellu dritt jibqa hemm. Jghid li effettivament dan l-agir tal-konvenuti ikkawzalu dannu kbir.

**Silvan Farrugia** xehed bil-procedura tal-affidavit (fol. 118) u qal li jiftakar li nhar il-Gimgha, hamsa w ghoxrin (25) t'April 2003, missieru l-attur u ommu, kienu talbuh sabiex imur jghinhom inehhu xi affarijiet mir-razzett ghaliex l-ghada kienu sejrin xi ufficcjali tal-MEPA sabiex iwaqqghu xi bini, li fil-fehma taghha kien bla permess. Qal li meta marru fuq il-post sabu li l-kmamar li kienu okkupati minn missieru, kienu mkissra u l-fniek f'cestuni fuq xulxin. Kien hemm numru li kienu qed jigru ma l-art ukoll. Huma ghalhekk qalghu r-rampa biex telghu bil-van u bdew jghabbu l-van bl-affarijiet taghhom. Huma marru l-ghassa u sabu pulizija fuq it-telefon jitkellem ma xi familjari taghhom li kienu qed jirraportaw li huma dahlu fir-razzett bla permess.

It-Tnejn ta' wara, huwa mar il-MEPA sabiex jara x'kienet ir-raguni ghaliex il-MEPA waqqghet biss il-kmamar ta' missieru u l-ufficcjal tal-MEPA Joe Zammit, qallu li it-twaqqiegh tal-bini ma sarx minn ufficcjali tal-MEPA

ghaliex il-MEPA iddum hafna sabiex tiehu *direct action*. Qal ukoll li kien hemm xi pulizija prezenti meta sar it-twaqqiegh.

**Mary Farrugia** mart l-attur xehdet permezz tal-affidavit (fol. 121). Hija tghid li tiftakar li nhar il-Gimgha, hamsa w ghoxrin (25) t'April kienu cemplulha l-pulizija tal-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun u staqsewha ghal Michael u qalulha li l-ghada kienu ser imorru xi ufficcjali tal-MEPA u jwaqqghu kull m'hemm w ghalhekk talbuha sabiex tmur fir-razzett u tnehhi l-fniek li kien hemm.

Tghid li dakinhar ghal habta tat-tlieta w nofs ta' wara nofsinhar kienu marru d-dar taghha zewg ufficjali tal-pulizija u cioe PC 1429 u PC 1094 u regghu qalulha sabiex tmur ir-razzett u tnehhi l-fniek ghax l-ghada kienu sejrin xi ufficcjali tal-MEPA biex iwaqqghu xi bini llegali w ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar wasal Michael mix-xoghol u qaltlu b'kollox w ghal habta tal-hamsa ta' wara nofsinhar marru ghand l-Avukat u dan cempel lil pulizija taz-Zejtun u regghu rrepetew dak li kienu qalu lilha.

Ghalhekk telqu minghand l-Avukat, marru jigbru t-tifel Silvan, u marru lejn ir-razzett sabiex inehhu l-fniek. Hemmhekk sabu li l-kmamar li kienu okkupati minn Michael, kienu gew imwaqqa' u kien hemm borġ ġebel. Qalet li sabu l-fniek gewwa cestuni fuq xulxin kif qal Silvan. Qalet li wara saret taf li effettivament ma kienux ufficcjali tal-MEPA li waqqghu l-bini izda xi familjari stess li ghamlu hekk u minhabba dan l-agir huma sofrew danni kbar.

Illi nhar it-tnejn (2) ta' Gunju 2005, din il-Qorti, kif diversament ippreseduta nnominat lil Avukat Dottor Vincent Galea bhala Magistrat Supplenti sabiex jiehu d-deposizzjoni tax-xhieda ta' Maria Concetta Farrugia fir-residenza taghha 22, Sqaq il-Merhla, Bulebel il-Kbir.

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2006 deher Dottor Galea w ipprezenta d-deposizjoni tax-xhieda ta' Maria

Concetta Farrugia u halef li qeda onestament l-inkarigu moghti lilu.

**Maria Concetta Farrugia** ikkonfermat li hija tghix fir-razzett in dezamina ghalkemm gieli torqod ukoll band'ohra. Qalet li bi nhar hija tkun fir-razzett u kopja tac-cwievet ghandha hi u bintha Gemma. Qalet li thallas kera lil-Gvern izda din tithallas minn wiehed minn uliedha ghaliex hija ma tohrogx mid-dar. Qalet li ricevuta tircievi kull darba u hija l-unika inkwilina tal-post. Qalet li binha l-attur kien imur hemm sabiex jghalef xi annimali li kellu fil-kmamar fir-razzett izda mhux fejn xehdet hi. Ikkonfermat li dawk il-kmamar kienu waqqghu. Mistoqsija kif waqghu l-kmamar ix-xhud wiegbet li ma tafx jew ahjar li ma tiftakarx.

Qalet li l-attur ma baqax imur jaghlef l-annimali ghaliex il-kmamar kienu imwaqqghejn. Qalet li c-cwievet ilhom f'idejha minn meta miet zewgha u tat kopja lil bintha ghaliex f'kaz li bintha tmur tigborha u ma tismahiex hija tkun tista tidhol ghaliha. Qalet li zewgha miet intestat. Ikkonfermat li l-attur ma kienx jahdem ir-raba la meta kien haj missieru, u cioe zewgha u lanqas wara. Mistoqsija dwar l-ircevuti, hija wiegbet li dawk kienu f'idejn Frans ghaliex huwa kien imur ihallas il-kera.

Illi nhar it-tnejn w ghoxrin (22) ta' Gunju 2006, il-konvenut **Francis Farrugia** xehed in subizzjoni fejn ikkonferma li mal-mewt ta' missieru l-kera daret fuq l-ahwa kollha u dan kien ghal habta t'Awwissu 2002. Qal li huwa sar jaf li kien hemm xi bini llegali mill-ittra li kien baghat Dottor Abela lil MEPA li a bazi taghha harget l-*enforcement notice*. Qal li l-*enforcement notice* l-MEPA hargitha fil-konfront tal-ko possesuri kollha u cioe kontra l-ahwa. Qal li l-bini llegali li kien hemm, kien tal-attur u ta' ħuħ iehor. Pero jghid li ħuhom l-iehor aderixxa ruhu ma dak li qalet il-MEPA u nehha l-bini llegali li kellu, filwaqt li l-attur m'ghamel xejn minn dan u kien ghalhekk li l-ahwa bejniethom waqqghu l-bini li kien hemm. Huwa gharaf ir-ritratti esebiti fl-atti li jindikaw ir-razzett wara li kienu tnehhew xi kmamar illegali.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Settembru 2007 gew ipprezentat l-affidavits tal-konvenuti Frans Farrugia, Gemma Bonnici, Tereza Grech, John Mary Farrugia u Philip Farrugia ħut l-attur.(fol. 177).

**Francis Farrugia** jghid li fil-familja ahwa kienu tmienja u r-razzett mertu tal-kawza kien mikri lill ommhom izda fit-tlettax (13) t'Awwissu 2002 hija dawret il-kirja ghal fuqhom u l-Lands irrikonoxxiet tali cessjoni. Jghid li r-razzett kien minn dejjem jintuza mill-genituri taghhom. Qal li kien hemm xi zmien meta l-attur beda jrabbi xi annimali hemmhekk u fil-fatt anke permess kien inghata ghal tali trobbija. Qal li kien jaf li Michael ghamel xi bini llegali u dan kien qed jipperikola l-qbiela u fil-fatt ommhom kienet talbet lill-Michael sabiex inehhi dan il-bini. Qal li sahansitra kienu anke rraportaw il-kaz lil MEPA.

Il-konvenut Frans Farrugia jghid ukoll illi fit-tlettax (13) ta' Frar 2003 l-attur fetah kawza kontra taghhom ghad-danni minhabba l-*enforcement notice* li harget mill-MEPA. Ikkonferma li fil-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2003, wara li kienu avzaw lill-attur biex inehhi il-bini u dan m'ghamel xejn, huma l-ahwa qabdu u waqqghu l-bini u xi zmien wara il-MEPA hargitilhom permess sabiex ikunu jistghu jirrangaw il-hajt ta' barra.

Il-kontenut tal-affidavit tal-konvenut Frans Farrugia, gie ikkonfermat mill-istess konvenuti Gemma Bonnici, Tereza Grech, John Mary Farrugia u Philip Farrugia bil-gurament taghhom.

**Reuben Montebello** xehed fis-sebgha w ghoxrin (27) ta' Frar, 2008 u qal illi fis-sena 2001 kienu qed iduru l-irziezet sabiex dawn jigu licenzjati ghat-trobbija tat-tjur u jikkonfermaw r-registrazzjoni li kienet saret qabel fis-sena 1997. Ikkonferma li huwa kien ghamel spezzjoni fir-razzett in kwistjoni kif jirrizulta mill-*Inspection Sheet* li esebixxa u li hi mmarkata bhala Dok. CSH. Mistoqsi jekk jiftakarx li kien hemm xi fniek u tigieg dakinhar tal-ispezzjoni, jghid li ma jiftakarx. Ikkonferma li meta ghamel l-ispezzjoni, omm l-attur kienet hemm u kien tkellem

maghha. Jghid li effettivament licenzja harget f'isem l-attur sabiex irabbi seba' mitt tjur.

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-attur prezentata nhar it-tletin (30) ta' Mejju 2008 u dik responsiva tal-konvenuti prezentata fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju 2008.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel u qabel kollox, din il-Qorti ghandha tiddeciedi dwar l-ewwel eccezzjoni imqanqla mill-konvenuti fin-nota t'eccezzjonijiet taghhom u senjatament li din il-Qorti mhiex kompetenti li tisma l-kawza fuq ebda miz-zewg talbiet li qed jaghmel l-attur ghaliex fuq l-ewwel talba hija l-Prim Awla tal-Qorti Civili [allura inkompetenza *rationae materiae*] u fuq it-tieni talba huwa it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar [allura inkompetenza *rationae valoris*].

Kif gustament gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-7 ta' Ottubru, 1997:

"*Hu l-att promotur kif intavolat, it-talbiet u l-premessi taghhom li jifformaw il-parametri li fihom il-qorti kellha tezercita l-gudizzju taghha u li allura jiddeterminaw il-kompetenza taghha*" (Ara b'konferma ta' dan **Vincenza Barbara et vs Raymond Camilleri et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fl-ewwel (1) ta' Dicembru, 2004 per Onor. Imhallef Philip Sciberras u **Paul Borg et vs Jane Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Sede Inferjuri fil-hmistax (15) ta' Dicembru, 2003 per Onor. Imhallef Philip Sciberras).

Il-kompetenza ta' din il-Qorti tohrog mill-artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-artikolu tal-ligi jaqra hekk:

***"47.** (1) Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat wiehed jippresjedi, u dik il-qorti, bhala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddecidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (11,646.87), kontra persuni li joqoghdu, jew li*

*ghandhom irresidenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta.*

*(2) Dik il-qorti tiddeciedi wkoll il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi espressament thalli ghaliha.*

*(3) Izda l-kawzi li fihom jidhlu kwistjonijiet dwar il-proprjetà ta' beni immobbli, jew li ghandhom x'jaqsmu ma' servitujiet, pizijiet jew drittijiet ohra mghaqqdin mal-beni immobbli, inkluza kull talba ghal zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli kemm urbani kif ukoll rurali, mikrija jew okkupati minn persuni li joqghodu jew li ghandhom l-abitazzjoni ordinarja taghhom fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti, ma jidhlux fil-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) indipendentement mill-valur tat-talba".*

Kif intqal fis-sentenza **Vincenza Barbara et vs Raymond Camilleri et** sup. cit.,

"*Jibda biex jigi osservat illi l-kompetenza ordinarja tal-Qorti nferjuri hi, skond subinciz (1) ta' l-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 determinata mill-valur tal-pretensjoni. L-unika limitazzjoni li l-ligi tipprovdi ghal din il-kompetenza jirrigwarda materji fejn jindahlu kwistjonijiet dwar proprjeta ta' beni immobbli, servitujiet, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli. F'kaz bhal dan, allavolja l-pretensjoni ma tkunx tiskorri l-valur ta' hamest elef lira* [illum €11,646.87]*, il-kawza tesorbita mill-isfera ta' kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati (subinciz 3 ta' l-Artikolu 47)* ".

Jidher illi l-ewwel talba ta' l-attur ma tinvolvi l-ebda kwistjoni dwar proprjeta, u dan peress li l-attur qieghed jitlob minghand il-konvenuti kopja tac-cavetta li huma ghandhom ghal fond mikri lill-istess kontendenti.

Illi ghalhekk, hija l-fehma ta' din il-Qorti illi hija ghandha l-kompetenza mehtiega sabiex tiddeciedi din il-kwistjoni u dan kif imfissra fl-avviz minnu ntavolat.

Jifdal x'jigi deciz it-tieni parti ta' din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u cioe li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza biex tiddeciedi fuq it-tieni talba mressqa mill-attur u cioe t-talba ghal hlas tad-danni kawzati u dan ghax din il-kompetenza tinsab fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

L-artikolu 56A tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta jghid illi:

*"Minkejja kull disposizzjoni ta' dan il-Kodici l-qrati inferjuri ma ghandhom jiehdu konjizzjoni ta' xi talba li taqa' fil-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar imwaqqaf taht l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar".*

Issa fil-kaz odjern, l-attur illimita t-talba tieghu ghad-danni ghas-somma ta' Lm1,123 ekwivalenti ghal €2,615.89.

Skond l-artikolu 3(2) tal-Kap. 380 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghandu gurisdizzjoni biex jisma u jaqta biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn €3,494.06.

Man-nota ta' sottomissjonijiet tieghu l-attur esebixxa rendikont tad-danni minnu reklamati, <u>eskluz il-hsara fil-bini</u>, u dan sal-Gimgha, hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2003. L-ammont reklamat mill-attur f'dan ir-rendikont huwa ta' Lm2,735 ekwivalenti ghal €6,370.84. L-avviz odjern gie ipprezentat fit-tlettax (13) ta' Frar, 2003 u fl-istess avviz jintqal verbatim illi l-konvenuti, jew minn minnhom, ghandhom jigu ikkundannati "*thallsu lill-attur is-somma da liquidarsi bhala danni, u li ma teccedix is-somma ta' (Lm1123) elf mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin, <u>sofferti mill-attur fil-proprjeta li huwa qieghed jiddetjeni maghkom</u>, u li kienet fil-pussess tieghu, b'titolu ta' qbiela minn ghand il-Gvern*" (sottolinejar u enfasi tal-Qorti).

Issa f'dan il-kaz jinghadd li l-provi ma jsirux ma rendikonti esebiti man-noti ta' sottomissjonijiet, minghajr ma l-konvenuti jkollhom l-ebda dritt sabiex jistaqsu u jistharrgu dwar l-istess.

Ghalhekk il-Qorti ma hijiex sejra tikkunsidra dan ir-rendikont li gie esebit fi stadju daqshekk inoltrat tal-proceduri (wara li l-attur iddikjara l-provi tieghu maghluqa u wara li l-kawza thalliet ghas-sentenza) u qeghda thalli dan il-punt impregudikat bejn l-istess partijiet. Dan apparti l-fatt ukoll li jekk il-Qorti tiddeciedi fuq dan it-tieni ammont, hija tkun qeghda tmur lil hinn minn dak li jkun talab l-attur.

Konsegwentement ghalhekk, galadarba t-talba ta' l-attur kienet sabiex jigi likwidat ammont ta' danni li ma jeccedux is-somma ta' Lm1,123 ekwivalenti ghal €2,615.89 jinghad li din il-Qorti ma hijiex kompetenti sabiex tiddeciedi fuq din it-tieni talba ta' l-attur.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Paul Borg et vs Jane Vassallo** sup. cit., b'referenza ghar-riflessjoni li ghamlet dik l-istess Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Young et vs Joseph Muscat et** deciza din l-ahhar kawza, fit-tnejn w ghoxrin (22) ta' Novembru, 2001, illi:

"*Il-ligi tahseb gustament li mhux it-talbiet kollha li jistghu jigu dedotti quddiem il-Qorti ghat-tutela tal-jeddijiet kienu kwantifikabbli fi flus. Jezistu kazijiet – u l-meritu tal-avviz taht ezami hu kjarament wiehed minnhom – fejn valur ikun incert jew indeterminat. F'dak il-kaz is-subinciz 1 tal-artikolu 747 jipprovdi illi 'l-valur incert jew indeterminat jitqies dejjem li jaqbez il-kompetenza tal-Qorti ta' gurisdizzjoni limitata*".

Fl-istess sentenza **Borg et vs Vassallo**, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell kompliet tghid illi:

"*Fil-kaz taht ezami kellu jkun car illi l-valur tal-oggett tal-kawza mhux biss ma kienx determinabbli skond ir-regoli li l-istess kodici tal-procedura jistabilixxi imma kien fin-natura tieghu indeterminat. Kien ghalhekk jezorbita mill-kompetenza ta' Qorti b'gurisdizzjoni limitata kif hi l-Qorti tal-Magistrati (Malta)*".

**Konsegwentement, din il-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, tiddikjara li hija ma ghandhiex kompetenza *rationae valoris* sabiex**

**tiddeciedi dan il-kaz u b'hekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.**

**Fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn l-istess partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------